

Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa: avveniment tal-għeluq fi Strasburgu

Rapport dwar l-eżitu finali tal-Konferenza se jiġi ppreżentat lill-Presidenti tal-Istittuzjonijiet tal-UE waqt avveniment tal-għeluq fid-9 ta' Mejju fi Strasburgu.

F'Jum l-Ewropa, tliet Kopresidenti tal-Bord Eżekuttiv se jippreżentaw rapport finali tal-Konferenza lill-Presidenti tal-Istittuzjonijiet tal-UE. Matul l-avveniment, il-President Metsola, il-President von der Leyen u l-President Macron se jagħmlu d-diskorsi tagħhom flimkien ma' diskorsi minn ċittadini mill-Panels Nazzjonali u Ewropej u mill-Kopresidenti tal-Konferenza. Huma ppjanati wkoll prestazzjonijiet kulturali minn Danse l'Europe u l-orkestra taż-żgħażaqgħ DEMOS.

Minbarra mill-449 Membru tal-Plenarja (li jinkludi 108 ċittadin), ser ikunu mistiedna wkoll 120 membru tal-Bord taċ-Ċittadini Ewropej u 200 ċittadin minn skejjel lokali u studenti tal-Erasmus.

Il-Ministri għall-Affarijiet Ewropej u mistiedna VIP oħra ser jipparteċipaw ukoll fiċ-ċeremonja.

Meta: It-Tnejn 9 ta' Mejju, 12:00–14:00

Fejn: Il-Parlament Ewropew fi Strasburgu

Nhar il-Ġimgħa 6 ta' Mejju fl-10:00 ta' filgħodu CET, ser issir laqgħa ta' informazzjoni teknika mar-rappreżentanti tas-Segretarjat Komuni tal-Konferenza fil-bini tal-Kummissjoni Ewropea. Il-briefing se jkun *off the record*, bl-Ingliż u bil-Franċiż biss. Għal aktar informazzjoni u l-link biex tipparteċipa b'mod remot, ibgħat email lil Celia.DEJOND@ec.europa.eu.

Tagħrif ta' sfond

Waqt [laqqha finali](#), li saret mid-29 ta' April sat-30 ta' April fil-Parlament Ewropew fi Strasburgu, il-Plenarja tal-Konferenza laħqet kunsens dwar l-abbozz ta' proposti finali tagħha. Id-49 proposta, dwar disa' temi, jinkludu aktar minn 300 mżura. Dawn huma bbażati fuq rakkmandazzjonijiet mill-Panels taċ-Ċittadini Ewropej, il-Panelsu l-avvenimenti Nazzjonali taċ-Ċittadini, ideat irregjistrati fuq il-Pjattaforma Diġitali Multilingwi kif ukoll diskussjonijiet li saru matul is-sessjonijiet Plenarji tal-Konferenza u tas-sessjonijiet tal-Gruppi ta' Ħidma.

Il-passi li jmiss

It-tliet istituzzjonijiet ser jeżaminaw malajr kif isegwu b'mod effettiv dan ir-rapport, kull wieħed fl-isfera tal-kompetenzi tiegħu stess.

Għal aktar informazzjoni

Proċess tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa

Servizz ta' Riċerka tal-PE — Glance: Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa

Skeda ta' żmien tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa

Ritratti, vidjo u materjal awdjo b'xejn miċ-Ċentru Multimedjali tal-Parlament

Kuntatti

Kyriakos KLOSIDIS

Press Officer

📞 (+32) 2 28 32357 (BXL)

📞 (+33) 3 881 74651 (STR)

📱 (+32) 470 96 47 35

✉ kyriakos.klosidis@europarl.europa.eu

🐦 @EPIinstitutional

Sanne DE RYCK

Press Officer

📞 (+32) 2 28 42531 (BXL)

📞 (+33) 3 881 64917 (STR)

📱 (+32) 498 98 34 51

✉ sanne.deryck@europarl.europa.eu

Hana RAISSI

Press officer

📞 (+32) 2 28 41587 (BXL)

📱 (+32) 484 27 87 54

✉ hana.raissi@europarl.europa.eu



Servizz ta' l-Istampa, Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni

Parlament Ewropew - Spokesperson: Jaume Duch Guillot

Numru tas-'switchboard' (32-2) 28 33000